# Il-Purċissjoni - x'hinu l-għan tagħha?

*Kitba ta' Frans Zahra*

Mdorrijin nassistu għall-purċissjonijiet. Il-purċissjoni hi estensjoni tal-festa. F'din l-okkażjoni, il-purċissjoni tal-festa titulari, bla dubju, tkun mistennija. Nistgħu ngħidu li bħal donnha (il-purċissjoni) sservi ta' indikazzjoni ta' kemm kien hawn nies, jew le għall-festa. Biex ngħid hekk, il-purċissjoni "tiddetermina s-suċċess tal-festa".

Din l-għamla ta' manifestazzjoni hija mifruxa sew mad-dinja. Fl-istorja tar-reliġjon, il-purċissjoni, nistgħu nsejħulha "azzjoni ritwali soċju-reliġjuża jew "forma ta' qima". Purċissjonijiet solenni kienu jsiru regolari biex jonoraw xi re li kien se jieħu t-tron. Nirreferi, per eżempju, għall-purċissjonijiet kbar reliġjużi marbutin ma' xi Fargħun Eġizzjan li kien se jieħu t-tron, jew biex tkun iċċelebrata sena ġdida, jew biex ifakkru l-ħsad, jew biex ikun evitat xi diżastru. Purċissjonijiet kienu jkunu organizzati wkoll biex titberred il-qilla ta' l-allat, meta jseħħ xi diżastru. Xbiehat jew simboli ta' l-allat kienu jinġarru fil-purċissjonijiet. Insemmi l-purċissjonijiet elaborati tal-Babiloniżi, mill-era tas-Sumi sa tmiem l-Imperu tal-Kaldej. F'Ruma, il-purċissjonijiet, kienu mitqiesa bħala att importanti ta' ċerimonji llustri u trijonfali. F'Ruma nsibu purċissjonijiet solenni reliġjuzi kulminanti, bħala att ra' ringrazzjament lil Jupiter Kampidolju, għal xi rebħa li tkun twettqet permezz ta' l-armata Rumana. Il-ħsad ukoll kellu purċissjonijiet organizzati li permezz tagħhom il-parteċipanti kienu jesprimu ferħ għall-abbundanza li tkun irriżultat mill-ħsad.

Purċissjonijiet fis-sens sħiħ liturġiku huma mitqiesa bħala atti ta' suppliki solenni li jsiru mill-fidili, taħt id-direzzjoni tal-kleru, biex isaħħu devozzjoni, biex jitolbu l-barka t'Alla, kif ukoll bħala atti ta' ringrazzjament 'l Alla. **Purċissjonijiet ordinarji**. Irridu niddistingwu bejn purċissjoni liturġika, u dik li mhix liturġika. Purċissjonijiet ordinarji huma dawk marbutin ma' ċerti ġranet tas-sena, bħal dik tal-Kandlora u ta' Hadd il-Palm. Purċissjonijiet straordinarji, dawk li jkunu permessi għal ċerti okkażjonijiet, ngħidu aħna, translazzjonijiet ta' relikwi, jew penitenzjali għal xi bżonn kbir. Okkażjonijiet marbutin ma' purċissjonijiet straordinarji huma dawk minħabba ħelsien minn xi epidemija, gwerer, ġuħ... Bħalissa qed niftakar fil-purċissjoni votiva ta' "San Girgor".

Purċissjonijiet bħal dik ta' Hadd il-Palm, jew tal-Vġili ta' l-Għid huma "avvenimenti speċjali" fl-istorja tas-salvazzjoni. Purċissjonijiet oħra li huma msejħa "funzjonabbli" għaliex sempliċiment jissolenizzaw moviment minn post għall-ieħor, p.e. ingress ta' Isqof. Hemm purċissjonijiet li l-għan tagħhom hu biex jitbierku u jitqaddsu postijiet. Il-kelma "purċissjoni" ġeneralment tfisser "tmur 'il quddiem, tgħaddi minn post għall-ieħor jew minn stat għal ieħor.

L-aktar purċissjonijiet popolari huma dawk li jonoraw u jqimu 'l-Ewkaristija u 'l-Verġni Marija. L-aktar magħrufa f'ġieħ l-Ewkaristija hi dik ta' Corpus, filwaqt li dik f'ġieħ il-Madonna, l-aktar waħda antika, hi dik f'ġieħ it-tlugħ tagħha fis-sema "Santa Marija".

*Frans Zahra*


ideas STATIONERY AND COMPUTERS

Triq Wiġi Bongailas, Żabbar. Tel: 21 821848 • Mob: 9940 2471 • Email: muscat@melita.net

**For computer repairs, upgrades and installations**

**PC Doctor for ONLY Lm10.00 a year**
Discount on Parts.
Free Labour Costs for 1 year.
Technician to carry out fixes and repairs at home.
Free deliveries.

**Computers starting from Lm275.00**